# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 254 – It-Tnejn 22 t'Ottubru, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Is-Sinj. Mariette Borg
Is-Sur Mario Cachia
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 253 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 FINANZI

### 2.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

# 3 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**3.1 Għar Lapsi**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien qed issir progress bħal per eżempju diġà twaħħlu t-tabelli li jinfurmaw lill-pubbliku dwar il-periklu.

**3.2 Stallazzjoni ta' lqugħ għat-troll tal-Girgenti**

Il-Viċi-Sindku rrefera għall-proposta li kien għamel fejn talab sabiex jitħaffef il-proċess marbut mal-għoti tax-xogħolijiet sabiex l-istallazzjoni tal-lqugħ issir kemm jista' jkun malajr. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb iġib stima ta' dawn ix-xogħolijiet u dan is-suġġett jerġa' jitqajjem fis-seduta li jmiss.

**3.3 *Boundary wall* fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Sindku qal li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv kienu infurmati mill-Awtorità li dawn tal-aħħar kienu qed jagħmlu dawn il-*boundary* walls ma' kull propjetà tagħhom li għada mhijiex żviluppata. Dan, skont huma, wara insistenza mill-MEPA. Is-Sindku qal ukoll li kien se jibqa' jsegwi l-kas mal-Perit tal-Awtorità.

# 4 KUNTRATTI

**4.1 Sejħa tal-offerti għal ġbir ta' Skart Goff LCS 14/12**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda ir-rapport tal-Bord tal-Għażla u r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerti għal ġbir ta' skart goff (Avviż Nru LCS 14/12). Il-Bord irrakomanda li għandha tintgħażel l-offerta tas-sur Daniel Cutajar minħabba li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-Sindku għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu japprova r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unaninmu.

**4.2 Sejħa tal-offerti għal knis u tindif ta' toroq LCS 12/12**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda ir-rapport tal-Bord tal-Għażla u r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerti knis u tindif ta' toroq (Avviż Nru LCS 13/12). Il-Bord irrakomanda li għandha tintgħażel l-offerta tas-sinjuri Ronad u Chris Bezzina minħabba li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-Sindku għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu japprova r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla.

Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unaninmu.

**4.3 Sejħa tal-offerti għal Provista ta' cold asphalt (LCS 12/12**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva żewġ offerti li waħda minnhom kienet invalida għaliex ma kelliex iċ-ċifri kollha mniżżla fl-iskeda tar-rati.

Is-Sindku ippropona li din is-sejħa għandha terġa' toħroġ b'urġenza. Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.4 Kuntratt Cleaning non urban (LCS 23/10)

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-31 t'Ottubru dan il-kuntratt kien wasal biex tagħlaq it-tieni sena tiegħu u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jew jiġġedded jew joħroġ kuntratt ġdid.

Is-Sindku ippropona li jiġġedded għat-tielet u l-aħħar sena tiegħu. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.5 Kuntratt Resurfacing of roads (LCS 25/10)

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-31 t'Ottubru dan il-kuntratt kien wasal biex tagħlaq it-tieni sena tiegħu u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jew jiġġedded jew joħroġ kuntratt ġdid.

Is-Sindku ippropona li jiġġedded għat-tielet u l-aħħar sena tiegħu. Il-Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.6 Kuntratt Cleaning and Attendance of Public Conveniences (LCS 28/10)

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fis-7 ta' Novembru dan il-kuntratt kien wasal biex tagħlaq it-tieni sena tiegħu u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jew jiġġedded jew joħroġ kuntratt ġdid.

Is-Sindku ippropona li dan għandu jiġi diskuss fis-seduta li jmiss. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5 HWEJJEĠ OHRA

### 5.1 Tħassir mir-reġistru tal-assi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-photocopier Mita VI310 ma kienx għad baqa' użu tagħha. Is-Sindku għalhekk ippropona li titneħħa mir-reġistru tal-assi.
Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

### 5.2 Korsijiet tal-Computers matul ix-xitwa

Is-Sindku ippropona li wara li s-suċċess tal-korsijiet tas-sajf, għandna flimkien mat-TCTC norganizzaw diversi korsijiet oħra fix-xitwa. Dawn jingħataw b'xejn lir-residenti u l-ħlas dovut mill-Kunsill ikun ta €1,100.
Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.3 Mixja bil-klieb

Is-Sindku qal li kien avviċinat minn grupp ta' voluntiera biex fit-18 ta' Novembru tiġi organizzata mixja bil-klieb. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb l-arranġamenti dwar l-immaniġġjar tat-traffiku u l-PR.
Il-Kunslliera Mariette Borg issekondiet.

**5.4 Immaniġġjar tat-traffiku fi Triq il-Għid**

Il-Kunsilliera Mariette Borg semmiet il-ħtieġa li f'din it-triq isiru l-parking bays kif ukoll issir *one way.* Is-Sindku qal li għanda ssir talba lil Transport Malta u jekk it-tweġiba tkun fl-affermattiv, jiġu ikkonsultati r-residenti qabel tiġi esegwita.

**5.5 Ċint imwaqqa' fil-Housing Estate ta' Triq Ramija**

Il-Kunsillier Nikol Cassar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ċint li twaqqa' kawża ta' inċident tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ressaq l-ilment lil Housing Authority. Is-Sindku qal li din l-Awtorità għandha terġa' tiġi ikkuntattjata.

**5.6 Servizz tal-Arriva**

Is-Sindku qal li minkejja ċertu titjib, xorta waħda għad hemm problemi fis-servizz. Il-Kunsilliera Borg semmiet ir-rotta tal-università u kif il-ħin tagħha.
Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jorganizza laqgħa pubblika oħra li għaliha jerġgħu jattendu uffiċjali ta' TM u tal-Arriva. Matul din il-laqgħa għandha ssir preżentazzjoni imħejjija minnu u mill-Kunsilliera Borg.

**5.7 Ħitan tas-sejjieħ**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li qed jinnota diversi ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin u staqsa jekk il-Kunsill jistax japplika għal xi proġett biex dawn jissewwew.

Is-Sindku wieġeb li ppreżetament ma hemmx applikazzjonijet għal skemi tal-UE miftuħa.

**5.8 Ta' Patak**

Wara li sema' ilment ta' persuni preżenti waqt is-seduta dwar ħsarat fit-triq magħrufa bħala Ta' Patak, is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill għandu fl-iqsar żmien possibbli jistabbilixxi kif seħħew il-ħsara fit-triq u fil-ħajt li jżommha, kif għandha tissewwa l-ħsara kif ukoll iħejji stima tax-xogħlijiet meħtieġa.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 12 ta' Novembru, 2012**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 22/10/12-9/11/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | bonnici bros | * | €1,685.04 | t | pp | wsc civil works PPP balance | | 1780 | | | 7101 | 9272 |
| 2 | bonnici bros | * | €20,701.21 | t | pp | PPP | | 1780 | | | 7101 | 9271 |
| 3 | go | €123.11 | €123.11 | d | pf | 21466000/21466036 sept12 | 13/10/12 | 29752435 | | | 2160 | 9296 |
| 4 | go | €16.81 | €16.81 | d | pf | 21465799/21465805 sept12 | 13/10/12 | 29752413 | | | 2160 | 9296 |
| 5 | go | €31.30 | €31.30 | d | pf | | 13/10/12 | 29752420 | | | 2160 | 9296 |
| 6 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl oct12 | 13/10/12 | ############ | | | 2160 | 9296 |
| 7 | go | €62.22 | €62.22 | d | pf | 21468874 sept12 | 13/10/12 | 29752351 | | | 2160 | 9296 |
| 8 | kullegg san injazju | €15.00 | €15.00 | d | pf | ekoskola membership fee | 17/10/12 | | | | 2560 | 9295 |
| 9 | avantech | €443.09 | €443.09 | d | pf | photocopier manintenance charge | 10/10/12 | 157897 | | | 3110 | 9294 |
| 10 | nvc | €5.45 | €5.45 | d | pf | operating materials | 03/10/12 | 01-Aug | | 145/12 | 2210 | 9293 |
| 11 | nvc | €69.00 | €69.00 | d | pf | operating materials | 28/09/12 | 5325 | | 138/12 | 2210 | 9293 |
| 12 | nvc | €43.46 | €43.46 | d | pf | operating materials | 14/09/12 | 5324 | | 136/12 | 2210 | 9293 |
| 13 | nvc | €62.35 | €62.35 | d | pf | operating materials | 05/09/12 | 5323 | | 135/12 | 2210 | 9293 |
| 14 | nvc | €20.18 | €20.18 | d | pf | operating materials | 27/08/12 | 5322 | | 41635 | 2210 | 9293 |
| 15 | nvc | €9.65 | €9.65 | d | pf | operating materials | 17/08/12 | 5321 | | 124/12 | 2210 | 9293 |
| 16 | nvc | €2.40 | €2.40 | d | pf | operating materials | 09/08/12 | 5320 | | 41630 | 2210 | 9293 |
| 17 | nvc | €1.85 | €1.85 | d | pf | operating materials | 07/08/12 | 5319 | | 121/12 | 2210 | 9293 |
| 18 | nvc | €5.20 | €5.20 | d | pf | operating materials | 06/08/12 | 5318 | | 119/12 | 2210 | 9293 |
| 19 | nvc | €2.00 | €2.00 | d | pf | operating materials | 31/07/12 | 5317 | | 115/12 | 2210 | 9293 |
| 20 | nvc | €10.87 | €10.87 | d | pf | operating materials | 27/07/12 | 5316 | | 115/12 | 2210 | 9293 |
| | **Sub Total c/f** | **€958.88** | **€23,345.13** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€958.88** | **€23,345.13** | | | | | | | | | |

*** payment on account**

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 254 tal-22/10/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Data:** 22/10/12-9/11/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | nvc | €10.22 | €10.22 | d | pf | operating materials | 20/07/12 | 5315 | | 105/12 | 2210 | 9293 |
| 22 | nvc | €13.25 | €13.25 | d | pf | operating materials | 19/07/12 | 5314 | | 104/12 | 2210 | 9293 |
| 23 | nvc | €64.73 | €64.73 | d | pf | operating materials | 17/07/12 | 18/07/1914 | | 102/12 | 2210 | 9293 |
| 24 | nvc | €6.64 | €6.64 | d | pf | operating materials | 12/07/12 | 5312 | | 103/12 | 2210 | 9293 |
| 25 | nvc | €7.55 | €7.55 | d | pf | operating materials | 12/07/12 | 5311 | | 103/12 | 2210 | 9293 |
| 26 | nvc | €71.70 | €71.70 | d | pf | 2 fans | 09/07/12 | 5310 | | 101/12 | 2210 | 9293 |
| 27 | nvc | €71.70 | €71.70 | d | pf | 2 fans | 06/07/12 | 5309 | | 99/12 | 2210 | 9293 |
| 28 | nvc | €8.35 | €8.35 | d | pf | operating materials | 06/07/12 | 5309 | | 99/12 | 2210 | 9293 |
| 29 | nvc | €53.25 | €53.25 | d | pf | operating materials | 02/07/12 | 5307 | | 94/12 | 2210 | 9293 |
| 30 | nvc | €25.42 | €25.42 | d | pf | operating materials | 27/06/12 | 11/07/1914 | | 92/12 | 2210 | 9293 |
| 31 | nvc | €4.35 | €4.35 | d | pf | operating materials | 21/06/12 | 5305 | | 89/12 | 2210 | 9293 |
| 32 | nvc | €56.30 | €56.30 | d | pf | operating materials | 15/06/12 | 08-Jul | | 83/12 | 2210 | 9293 |
| 33 | nvc | €24.80 | €24.80 | d | pf | operating materials | 08/06/12 | 5301 | | 71/12 | 2210 | 9293 |
| 34 | nvc | €111.65 | €111.65 | d | pf | door lock | 06/06/12 | 4950 | | 127/12 | 2210 | 9293 |
| 35 | nvc | €5.75 | €5.75 | d | pf | operating materials | 01/06/12 | 19-Jul | | 68/12 | 2210 | 9293 |
| 36 | homemate diy | €21.40 | €21.40 | d | pf | table legs for kitchenette | 15/10/12 | 12-Nov | | | 2210 | 9286 |
| 37 | nick's agriculture | €38.75 | €38.75 | d | pf | operating materials | 19/06/12 | 3233 | | 85/12 | 2210 | 9292 |
| 38 | min. home affairs | €45.00 | €45.00 | d | pf | advert quote cleaner | 15/10/12 | | | 41637 | 2940 | 9291 |
| 39 | zammit joinery | €350.00 | €350.00 | d | pf | bank slats | 13/10/12 | ############ | | | 2371 | 9290 |
| 40 | pierre farrugia | €101.50 | €101.50 | d | pf | minerals | 12/10/12 | 69 | | 151/12 | 3310 | 9289 |
| | **Sub Total c/f** | **€1,092.31** | **€1,092.31** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€958.88** | **€23,345.13** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€2,051.19** | **€24,437.44** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 254 tal-22/10/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 22/10/12-9/11/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | opm | €9.32 | €9.32 | d | pf | doi advert | 12/10/12 | | | 29-Dec | 2940 | 9288 |
| 42 | smart office | €6.90 | €6.90 | d | pf | stationery | 10/10/12 | 13035524 | | | 2620 | 9281 |
| 43 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | pf | 99762218 sept12 | 01/10/12 | 31697510212 | | | 2160 | 9282 |
| 44 | mita | €416.85 | €416.85 | d | pf | wide area connectivity oct-dec12 | 09/10/12 | 36 | | | 3110 | 9273 |
| 45 | krea | €123.19 | €123.19 | d | pf | 2 stools for kitchenette | 10/10/12 | 04-Aug | | 150/12 | 7210 | 9287 |
| 46 | doi | €2.50 | €2.50 | d | pf | 2 electoral register oct12 | 11/10/12 | 45456 | | | 2620 | 9286 |
| 47 | msd | €658.35 | €658.35 | t | pf | traffic signs | 13/09/12 | 17058 | | | 2313 | 9285 |
| 48 | secom | €52.50 | €52.50 | k | pf | connection new extension in kitchen | 10/10/12 | 6022 | | | 2376 | 9284 |
| 49 | kdm | €13.45 | €13.45 | t | pf | insurance photographic equipment | 30/09/12 | 10-Mar | | | 2521 | 9283 |
| 50 | vodafone | €56.77 | €56.77 | d | pf | 99491670 sept12 | 01/10/12 | 3.16974E+11 | | | 2160 | 9282 |
| 51 | smart office | €115.27 | €115.27 | t | pf | stationery | 09/10/12 | 13035445 | | 149/12 | 2620 | 9281 |
| 52 | albert pace | €824.82 | €824.82 | d | pf | repair fence dun manwel zammit | 08/10/12 | 8.10.12 | | | 2313 | 9280 |
| 53 | wasteserv | €4,502.80 | €4,019.17 | t | pp | msw waste sept12 | 01/10/12 | 28019 | | | 3040 | |
| 54 | al' mini market | €34.83 | €34.83 | d | pf | expenses festa gheneb | 22/10/12 | 56461 | | | 3370 | 9279 |
| 55 | wardrobe mistress | €35.00 | €35.00 | d | pf | hire costumes festa gheneb | 24/08/12 | 1222 | | | 3370 | 9278 |
| 56 | horace enterprises ltd | €260.00 | €260.00 | d | pf | trophies festa gheneb | 23/08/12 | 5497 | | | 3370 | 9277 |
| 57 | arms | €30.59 | €30.59 | d | pf | water premises 16/6/12-3/9/12 | 30/08/12 | 15917246 | | | 2140 | 9276 |
| 58 | arms | €27.62 | €27.62 | d | pf | electricity premises 16/6/12-3/9/12 | 30/08/12 | 15917246 | | | 2130 | 9276 |
| 59 | arms | €57.89 | €57.89 | d | pf | water premises 16/6/12-3/9/12 | 30/10/12 | 15917245 | | | 2140 | 9276 |
| 60 | arms | €82.85 | €82.85 | d | pf | electricity premises 16/6/12-3/9/12 | 30/10/12 | 15917245 | | | 2130 | 9276 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€7,404.20** | **€6,920.57** |
| **Sub Total b/f** | **€2,051.19** | **€24,437.44** |
| **Total** | **€9,455.39** | **€31,358.01** |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 254 tal-22/10/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 22/10/12-9/11/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | arms | €89.02 | €89.02 | d | pf | dun anton vella 16/6/12-3/9/12 | 30/10/12 | 15917244 | | | 2372 | 9276 |
| 42 | arms | €74.22 | €74.22 | d | pf | dr n zammit 16/6/12-3/9/12 | 30/10/12 | 15917242 | | | 2372 | 9276 |
| 43 | arms | €48.54 | €48.54 | d | pf | gnien e fenech 16/6/12-3/9/12 | 30/10/12 | 15917241 | | | 2372 | 9276 |
| 44 | nexos | €3,312.75 | €3,312.75 | t | pf | street lighting repairs | 19/10/12 | 2010428 | | | 2372 | 9274 |
| 45 | ecopure | €8.50 | €8.50 | d | pf | water bottles for dispenser | 16/10/12 | 529433 | | | 2220 | 9275 |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€3,533.03** | **€3,533.03** |
| **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** |
| **Total** | **€3,533.03** | **€3,533.03** |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 254 tal-22/10/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier